# 90 sena ilu Twieldet il-Parroċċa



## "Fit-30 ta' Marzu,

sewwa sew il-jum li bdiet is-settena tad-Duluri ta' Marija Santissima, Sultana tal-Martri, ġietni l-idea li nibni knisja f'San Pawl il-Baħar f'ġieħ is-Seba' Duluri ta' Marija."

Dan huwa l-kliem tal-Markiża Anna Bugeja miktub minnha fil-ktieb tagħha *Ħsibijiet Spirtwali*. L-idea li tibni knisja saret realtà. Wara l-mewt ta' żewġha, il-Markiż Vincenzo Bugeja, kienet tħoss ġibda qawwija biex tingħabar għall-kwiet fid-dar tal-villeġġatura fi triq it-Torri San Pawl il-Baħar, fejn illum hemm il-Kunvent tal-Patrijiet. Kien hawn f'dan il-post *"l-imbierek bil-preżenza ta' l-Appostlu San Pawl"* li ġietha l-idea li tibni knisja fejn tkun tista' tilqa' l-bdiewa u s-sajjieda ta' dawk l-inħawi flimkien mal-villeġġaturi li maż-żmien kienu dejjem jiżdiedu.

Il-knisja qadima ta' San Pawl u dik tal-Karmnu kienu saru żgħar. Fid-19 ta' Awissu 1900 il-Markiża kitbet ittra lil Papa Ljun XIII li fiha wrietu x-xewqa li bi flusha tibni tempju ddedikat lil Marija Addolo-rata, Sultana tal-Martri. Il-Papa laqa' t-talba tagħha u wieġeb għal din l-ittra billi kitbilha fuq l-istess ittra:— din l-ittra għadha miżmuma fi kwadru fis-sagristija u fiha l-firma awtografa tal-Papa Ljun XIII.

## Ix-xogħol tal-bini

tal-knisja beda fit-8 ta' Lulju 1901. It-tmexxija tax-xogħol tħalliet f'idejn Alfons Micallef, il-prokuratur tal-Markiża. Il-bini sar taħt it-tmexxija ta' diversi bennejja fuq il-pjanta tal-Perit E. Galizia. Il-Perit li mexxa x-xogħol kien Pawlu Grech Xerri.

L-ewwel ġebla tal-knisja tqegħdet fl-4 ta' April tas-sena 1902. Ix-xogħol tal-bini baqa' sejjer bla ma jaqta' sakemm tlestiet il-knisja fit-13 ta' Frar 1904. L-ispejjeż tal-bini laħqet is-somma ta' £3767.75s3d. għal dak iż-żmien kienet somma kbira.

## It-tberik u l-ftuħ

solenni tal-knisja sar minn Mons Salv Grech, Vigarju Ġenerali bħala delegat tal-Arċisqof Pietru Pace. Kien Ħadd il-Palm fid-9 ta' April 1905. Fl-okkażjoni inqara d-digriet li bih twaqqfet il-parroċċa.

"B'dan id-digriet illum nifirdu mill-Parroċċa tal-Mellieħa u minn dik tan-Naxxar, l-imsemmi territorju ta' San Pawl il-Baħar u nwaqqfu Parroċċa ġdida għaliha taħt it-titlu ta' Marija SSma Addolorata..." Dan id-digriet



ukoll għadu miżmum fis-sagristija tal-Parroċċa. U hekk San Pawl il-Baħar sar Parroċċa Immexxi mill-Patrijiet Franġiskani Konventwali.

## L-Att ta' donazzjoni

tal-knisja u tal-Kunvent lill-Patrijiet Franġiskani Konventwali sar fit-28 ta' Settembru tas-sena fid-dar tal-Markiża li tinsab fuq is-swar ta' Santa Barbra l-Belt. Kien Patri Bonaventura Zahra, dak iż-żmien provinċjal li aċċetta din id-donazzjoni f'isem l-Ordni.

Sa minn qabel ma tlestew il-kunvent u l-knisja, il-Patrijiet Franġiskani kienu ġà bdew jiġu f'San Pawl il-Baħar biex jieħdu idea tal-parroċċa l-ġdida li kellha tkun l-għalqa tal-ħidma tagħhom. L-ewwel komunità kienet iffurmata minn tmien reliġjużi; P. Antonju Hyzler, Gwardjan u kappillan, P. Beneditt Ġużepp Cauchi, Viċi, P. Ġużeppi Bergomi, P. Franġisk Vella, Fra Ġużepp Cauchi, Fra Manuel Ebejer, Fra Ġużepp Zerafa, u Fra Ġużepp Xerri.

P. Franġisk Vella li kien fost l-ewwel patrijiet li ġie biex jara l-knisja u l-kunvent jirrakkonta x'impressjoni ħalliet id-dehra tal-knisja l-ġdida lill-Provinċjal Bonaventura Zahra. Meta dan ra l-knisja għall-ewwel darba ħarġet minn fommu l-espressjoni *"Dal-kobor ta' Knisja għalfejn ser isservi?! Din qatt m'hi ser tintelabin-nies!"*

## 90 sena wara

Mur igħidlu lil Patri Bonaventura Zahra li ma għaddewx wisq snin li l-knisja bdiet issir żgħira! Il-Parroċċa kienet mifruxa minn Għajn Tuffieħa sa Għajn Riħana u mill-Wardija sal-Mistra. San Pawl il-Baħar beda jsir wieħed mill-postijiet imfittxa. In-nies bdiet kull ma tmur tiżdied sal-lum. Umur għidlu wkoll li fil-bidu tas-seklu "il-kobor ta' knisja" li ra kellha titkabbar u ssir darbtejn akbar fl-1978. Mhux biss, imma llum 90 sena wara, mill-parroċċa ħarġu żewġ parroċċi oħra, dik ta' Burmarrad fl-1971 u tal-Manikata 1975. Inbniet knisja f'Buġibba u ġiet ikkonsagrata fl-1979. Mur għidlu wkoll li illum 90 sena wara fit-truf ta' San Pawl il-Baħar qed jinbnew żewġ knejjes oħra. Dik tal-Kapuċċini fix-Xemxija li l-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fil-21 ta' Frar 1993 u dik tal-Qawra mmexxija mill-komunità ġdida tagħna l-Franġiskani li l-ewwel ġebla ta' din tqiegħdet fid-29 ta' Awissu 1993.